**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**
**Vs**
**Annor Al Magashi**

**Illum 27 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront Annor Al Magashi, imwieled fl-1 ta' Jannar 1997 gewwa Darfur, Sudan, iben Nour u Aisha, resident gewwa HTV, Birzebbugia, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20A-195, talli fis-26 ta' Frar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gżejjer:

1. Iffalsifika, biddel, ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta;
2. Xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; u
3. Kif ukoll minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att Dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta 'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta 'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) il-*personal details form* ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) dikjarazzjoni ta' rifjut ta'l-imputat tall-jedd tal-parir legali - Dok. "C"; (iv) Stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "D"; (v) e-mail indririzzata lill-Ispettur Karl Roberts li maghha hemm annessi diversi dokumenti fosthom kopja ta' passaport falz u kopja ta' *permesso di soggiorno* falz li kellu fil-pussess tieghu l-imputat - Dok. "E";

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-

ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga 'jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta 'qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer: (a) iffalsifika, biddel, ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta 'Malta; (b) xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; u (c) kif ukoll minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att Dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta 'piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ghandu fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta 'Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta 'Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, stante li f'dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta 'esperti jew periti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**